EU funds for Malta 2014-2020

Caritas MALTA

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI

# Ċentru Ġdid – **Caritas Community Centre**

Fondazzjoni Caritas Malta (VO/1576), kif ħafna jafu, hi organizzazzjoni fi ħdan il-Knisja Kattolika li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi mingħajr ħlas lil persuni emarġinati u vulnerabbli. Il-missjoni ta' Caritas Malta hi li tnaqqas il-faqar u tippromovi l-iżvilupp uman sħiħ u l-ġustizzja soċjali filwaqt li tindirizza l-inugwaljanzi soċjali. Fit-twettiq ta' din il-missjoni, Caritas Malta hi ispirata mill-valuri u l-prinċipji tal-Vanġelu billi taħdem favur l-għażla preferenzjali għall-fqar, tqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar il-faqar u l-inġustizzja, u tkun il-vuċi tal-emarġinati u aġent tal-bidla għall-persuni vulnerabbli. B'hekk tiffaċilita l-inklużjoni soċjali ta' dawn il-persuni.

Caritas Malta tipprovdi servizzi lil persuni li jagħmlu użu abbużiv minn xi sustanzi, alkoħol u logħob tal-ażżard, vittmi tal-użura, torganizza programmi ta' rijabilitazzjoni u toffri servizz ta' *counselling* li huma estiżi wkoll għall-familjari tagħhom. Fi ħdan il-Caritas hemm *support groups,* fosthom dawk li jgħinu lil persuni separati u/jew għaddejjin minn problemi familjari, romol, u persuni li kienu jbatu minn problemi emozzjonali u ta' saħħa mentali.

Caritas Malta tipprovdi servizz, imsejjaħ *Outreach*, minn Dar fil-Furjana li jinkludi *counselling* u orjentazzjoni għall-programm ta' rijabilitazzjoni għal min għandu problema bl-użu abbużiv ta' xi sustanzi. Tmexxi wkoll djar residenzjali fil-Komunità Terapewtika ta' San Blas, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa, u dar fil-Mosta li toffri *Aftercare Services*. Toffri wkoll programm f'dar f'Baħar iċ-Ċagħaq, imsejjaħ *Prison Inmates Programme*, li jgħin priġunieri li qed jiskontaw l-aħħar fażi tas-sentenza tagħhom biex jiġu re-integrati fis-soċjetà. Caritas Malta tieħu ħsieb



*Il-binja eżistenti*

l-operat ta' *Dar Papa Franġisku* u *Dar Maria Dolores* fi Fleur de Lys, B'Kara, u *Reach* f'San Ġwann, f'kollaborazzjoni mal-gvern u l-Alfred Mizzi Foundation, li joffru kenn u sostenn temporanju għal persuni li jkunu bla saqaf fuq rashom.

Caritas Malta ilha għal bosta snin tikkoordina ħafna minn dawn is-servizzi mill-*Head Office* li jinsab fil-bini tal-Kurja Arċiveskovili fil-Furjana u nħasset il-ħtieġa ta' Ċentru ġdid f'post aktar ċentralizzat li jkompli joffri b'mod kostanti dawn is-servizzi u oħrajn.

**Fiex jikkonsisti dan il-proġett?**

Il-binja l-ġdida li se tiġbor fiha numru ta' servizzi tinsab fil-Blata l-Bajda, fi Triq Mountbatten, kantuniera ma' Triq San Ġorġ Preca, Sqaq il-Kubrit, dik li qabel kienet tospita l-*Welfare Society for the Sick and Aged (WSSA)*. Din il-binja, li hi proprjetà tal-Knisja, ġiet ġenerożament mogħtija lil Caritas Malta minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna b'sub-ċens temporanju għal 65 sena.



Minn dan iċ-Ċentru l-ġdid se jibdew jingħataw servizzi bħal:

1. Servizz ta' *outreach* fil-komunità biex ikompli jespandi s-servizzi offruti fuq livell ta' parroċċa lil persuni u familji fil-bżonn permezz tal-Kummissjoni Djakonija.
2. Ikomplu jitjiebu s-servizzi mogħtija lill-anzjani permezz tal-*HelpAge,* filwaqt li jikber u jissaħħaħ is-servizz *Caritas Youths* u jsiru studji ta' riċerka u żvilupp;
3. Servizz ta' *counselling*, *social work* u *crises intervention* lil individwi u familji li jfittxu l-għajnuna;
4. Servizz ta' prevenzjoni, edukazzjoni u tagħrif fuq l-abbuż mid-droga fl-iskejjel;
5. Faċilitajiet fejn jinżammu ikel u għamara li jitqassmu lil persuni fil-bżonn, permezz tas-servizz bl-isem 'SHIP'*(second hand items project);*
6. Servizz *outpatient* lil min isofri min xi dipendenza u lill-familjari tagħhom;
7. Sapport amministrattiv fl-operat tas-servizzi residenzjali kollha ta' rijabilitazzjoni mid-droga;
8. Kummissjoni għall-għajnuna ta' emerġenza li tiġbor flus għal vittmi ta' gwerer, diżastri naturali u traġedji kemm lokali kif ukoll barra minn Malta.
9. Taħriġ għall-istaff u l-voluntiera tal-Caritas.

Fil-bidu ta' Settembru ta' din is-sena beda x-xogħol ta' kostruzzjoni u miljoramenti, il-bini ta' żewġ sulari ġodda kif ukoll l-istallazzjoni ta' sistema fotovoltajika. Iċ-Ċentru se jinkludi l-uffiċini amministrattivi ta' Caritas Malta, sala kbira fejn jistgħu jsiru attivitajiet soċjali u fejn



*Impressjoni artistika tal-binja ġdida*

jistgħu jsiru l-laqgħat tad-diversi *support groups,* spazji għal *counselling* u terapija tal-familja, kif ukoll *roof garden / cafeteria* li joffri post ta' rikreazzjoni u soċjalizzazzjoni.

L-ispiża biex isir dan il-proġett se tlaħħaq is-somma ta' madwar erba' miljun u nofs ewro (€4.5 miljun). Dan il-proġett ambizzjuż ma kienx ikun possibbli mingħajr il-fondi li Caritas Malta rnexxielha tikseb mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF.08.142) tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-appoġġ finanzjarju minn entitajiet oħra li huma:

- National Social and Development Fund (NDSF)
- The Alfred Mizzi Foundation
- Malta Community Chest Fund Foundation
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, u
- Fondi interni ta' Caritas Malta.

Il-*Caritas Community Centre* hu ppjanat li jkun lest sas-sajf tas-sena 2021.

NDSF National Development and Social Fund

THE ALFRED MIZZI FOUNDATION

THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION

IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-NGOs
li qed jibbenefikaw minn proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
SPORT U GĦAQDIET TAL-VOLONTARJAT

Programm Operattiv I - Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"*It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna*"
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali